MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2006

Numru 51/2001

Il-Pulizija
(Spettur Mario Buttigieg)

vs

Twanny Moon

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’numru 385675(M) li hu akkuzat talli:

1. fl-1 ta’ Novembru 2000 u f’xi xhur ta’ wara f’dawn il-gzejjer b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew firem billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-

pattijiet, dispozizzjonjiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u xjentament ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza u dan ai termini tal-Artikolu 183 u tal-Artikolu 184 tal-Kodici Kriminali Kap 9;
2. fl-istess zmien u cirkostanzi xjentament ghamel uzu minn wahda mid-dokumenti u cioé licenzja falsifikata u dan ai termini tal-Artikolu 186 tal-Kodici Kriminali Kap 9;
3. fl-istess zmien u cirkostanzi ikkommetta serq ta' licenzja tal-vettura minn go vettura BBD101 ghad-dannu ta' Lorenzo Abdilla, liema serq u aggravat bil-mezz, hin, u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ai termini tal-Artikoli 261, 263, 269 u 271 tal-Kodici Kriminali Kap 9;
4. fl-istess zmien u cirkostanzi xjentament laqa' ghandu jew xtara affarijiet misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentament b'kull mod li jkun indahal biex imexxihom jew ibieghhom u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kap 9;
5. fl-istess zmien u cirkostanzi saq vettura No JAP248 ta' ghamla Ford Escort minghajr ma kellu licenzja ta' sewqan b'hekk ma kienx kopert ghal riskju ta' terzi persuni u dan ai termini tal-Artikolu 15 Kap 65 u Artikolu 3(1) tal-Kap 104;
6. fl-istess zmien u cirkostanzi saq vettura No. JAP 248 ta' ghamla Ford Escort minghajr ma kellu l-licenzja tal-vettura imgedda ghas-sena kurrenti u dan ai termini tal-Artikolu 15 tal-Kap 65;
7. fl-istess zmien u cirkostanzi saq vettura No JAP248 ta'ghamla Ford Escort b'tubu tal-isprurgar mhux efficjenti u dan ai termini tal-Artikolu 106 tal-L.N. 128/94;
8. fl-istess zmien u cirkostanzi saq vettura No JAP248 naqas li jilbes is-seat belt u dan ai termini tal-Kap 129/95.

Il-Qorti mitluba li barra milli taghti il-piena stabbilita, tordna li l-imsemmija persuna jkun skwalifikat milli jkollu jew izom ebda licenzja tas-sewqan ghal perjodu taz-zmien li jidhrilha xieraq.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat ic-certifikat tal-mewt tieghu.

Ikkonsidrat:

Li stante l-mewt tal-imputat fil-mori ta' dawn il-proceduri dikkjarati procediment esawrit.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------